MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 738/1992/1

**Anna Bellia**

**v.**

**John Bellia**

**Il-Qorti:**

1. Fit-13 ta' Frar 2003, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-segwenti sentenza:

"**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi Bellia m'ghandiex aktar possibbli minhabba, sevizzi, eccessi, minacce u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Mejju 1992, numru 418/92 (Dok. A);

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Kenneth, Josette, u Marvin, ahwa Bellia, tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija uliedha minuri, dik ir-retta alimnentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici;

5. Tapplika, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 56, 58 u 64(1) tal-Kodici Civili (Kap. 23) u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess

konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha;

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti, dawk ta’ l-ordni that l-Artikolu 470A tas-27 ta’ Mejju 1991, dawk tal-mandat ta’ sekwestru tal-21 ta’ Mejju 1991 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u dik tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha eccepixxa:-

1. Illi kienu l-atteggjament u l-komportament ta’ l-istess attrici li rrendew il-hajja konjugali impossibbli, tant illi l-eccipjent diga` intavola l-proceduri opportuni ghas-separazzjoni personali mill-attrici (Citazzjoni numru 723/92, appuntata ghas-6 ta’ Novembru 1992);

2. B’riserva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat- 13 ta’ Lulju 1993 fejn gie nominat Dr Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali bis-soliti fakoltajiet u ir-relazzjoni minnu presentata fis-7 ta’ Jannar 2003 fil-kawza 725/93, u li kopja taghha giet ghal kull buon fini esebita f’dan il-process;

Semghet lill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-process kif ukoll taz-zewg kawzi l-ohra bejn il-kontendenti;

Ikkonsidrat:-

Illi din kienet it-tieni kawza presentata mill-kontendenti kontra xulxin; bhall-ewwel wahda kienet talba ghal separazzjoni personali, din id-darba maghmula mill-mara kontra r-ragel, u bhala wkoll kienet bazata fuq allegati nuqqasijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili. In segwitu, ir-ragel ippresenta kawza ohra li ggib in-numru 20 ta’ l-1997, din id-darba fuq il-premessa li martu kienet ikkommettiet adulterju;

Illi minhabba in-natura ta’ dawn il-kawzi li kien fihom l-istess talba ghal separazzjoni u li l-provi f’kull kawza kienu rilevanti ghall-kawzi l-ohra, il-partijiet qablu li l-provi kollha – imressqa f’kull wahda minn dawn il-kawzi, kienu japplikaw u jaghmlu stat ghall-kawzi l-ohra; ir-rapport peritali gie ikkonfermat biss, anki ghall-ragunijiet ta’ spejjez, fl-ewwel kawza intavolata, u it-trattazzjonijiet u d-diversi noti saru biss f’din l-ewwel kawza cioe` citazzjoni numru 725/92;

Illi it-tlett kawzi qed jigu decizi llum, u l-parti espositiva flimkien mal-osservazzjonijiet kollha rilevanti ghat-tlett kawzi qed isiru fis-sentenza principali fis- 725/95; ghalhekk il-Qorti taghmel ampja riferenza ghal dik is-sentenza li fiha hemm ukoll dak kollu relativ ghal din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi u il-konsiderandi kontenuti fis-sentenza moghtija illum fil-kawza bejn il-kontendenti bin-numru 725/93, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li taghmel riferenza ghall-imsemmija kawza l-ohra, tilqa’ l-ewwel domanda fis-sens li tiddikjara is-separazzjoni personali bejn il-konjugi Bellia u dan bi htija tat-tnejn kif spjegat;

Tilqa’ it-tieni talba kif dedotta;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba stante l-eta` attwali ta’ l-ulied komuni;

Tiddeciedi ir-raba’ talba billi tichadha in kwantu tirreferi ghal manteniment ghaliha personalment ghar-ragunijiet moghtija u tastjeni milli tikkonsidraha izjed dwar l-ulied li llum ma ghadhomx minorenni;

Tiddeciedi il-hames talba billi wara li tiddikjara li l-attrici tilfet id-dritt ta’ manteniment minghand il-konvenut, tordna li l-partijiet tilfu id-drittijiet successorji reciproci u  tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-effetti l-ohra tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikoli citati u f’dawk li ghalihom jirreferu;

Tiddeciedi s-sitta u s-seba’ talbiet billi fil-waqt li taghmel riferenza ghal dak kollu li inghad hawn fuq u fid-decizjoni li qed tinghata illum fil-kawza 725/93 bejn l-istess partijiet tiddikjara xolta il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konjugi Bellia u tassenja lill-attrici bhala s-sehem lilha spettanti mill-istess komunjoni u ghad-dota u beni parafernali taghha, id-dar matrimonjali Qalb ta’ Gesu’, Leli Falzon Street, Naxxar, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u l-konvenut ghandu jaghmel dak kollu necessarju biex din l-assenjazzjoni ssehh, l-ghamara, hwejjeg u oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar, il-vettura Mini antika li tinsab fil-pussess ta’ l-attrici u s-somma ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) li l-konvenut huwa kundannat ihallas lill-attrici minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data ta’ meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.  Lill-konvenut qed jigu assenjati l-beni immobili l-ohra kollha u li jinkludu 37, Upper Bugibba Road, Bugibba u plot numru 5 Ix-Xaghra, kontrada tax-Xemxija, il-Mercedes antika li tinsab ghand il-konvenut u dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu inkluzi flus u depositi bankarji.

L-ispejjez stante li din il-kawza qed tigi deciza flimkien tat-tnejn l-ohra imsemmija, jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.”

2. Fl-10 ta’ Marzu 2003, il-konvenut John Bellia (“l-appellant”) intavola appell minn din is-sentenza quddiem

din il-Qorti. Huwa jispjega l-aggravju tieghu f’dawn it-termini:
“Dan l-appell jirrigwarda d-decizjoni moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba attrici, dwar is-sitt u s-seba’ tabliet u dwar il-kap ta’ l-ispejjez. L-esponent hawnhekk jaghmel riferenza ghas-sottomissjonijiet relativi li qeghdin isiru fir-rikors ta’ l-appell minnu ipprezentat mis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet John Bellia vs Anna Bellia (Citazzjoni 752/92 FD), u qieghed iressaq l-istess sottomissjonijiet in sostenn ta’ l-aggravju tieghu ghall-finijiet ta’ dan l-appell.”

3. L-appellant talab li din l-Qorti:
“joghgobha tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi tikkonfermaha fejn gew decizi t-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames talbiet attrici, u tirrevokaha fejn giet deciza l-ewwel talba atrici billi minflok tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuta, kif ukoll fejn gew decizi is-sitt u s-seba’ talbiet attrici billi minflok tiddeciedi li tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tordna divizjoni ta’ l-istess komunjoni u tassenja lill-partijiet dawk il-porzjonijiet li jisthoqqilhom skond il-ligi u skond ir-rizultanzi processwali kif fuq spjegat; u inoltre tirrevoka s-sentenza appellata fejn iddecidiet li l-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet u minflok tordna li l-ispejjez jigu sopportati kollha mill-konvenuta.”

4. Mill-atti, ma jirrizultax li l-attrici appellata ipprezentat risposta ghar-rikors ta’ l-appell imsemmi. Madanokollu, fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fl-20 ta’ Ottubru 2004, dehru l-partijiet kif ukoll id-difensuri taghhom u dawn ghamlu is-sottomissjonijiet orali taghhom dwar dan l-appell.

5. Ghandu jigi rilevat li l-odjerna kawza tmexxiet kontestwalment ma’ zewg kawzi ohra fl-ismijiet inversi cioe` Citazzjoni Numru 725/92 u Citazzjoni 20/97. Sar hekk, ghaliex dawn it-tlett kawzi kienu intimament relatati ma xulxin, tant li l-partijiet qablu li l-provi kollha akkwiziti

f'kull wahda minn dawn it-tlett kawzi kienu japplikaw u jaghmlu stat ta' prova fil-konfront tal-kawzi l-ohra. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet dawn it-tlett kawzi bi tlett sentenzi separati, li gew pronunzjati minnha fit-18 ta' Frar 2003. John Bellia appella minn dawn it-tlett sentenzi quddiem din il-Qorti, li wkoll trattathom kontestwalment, u b'mod li l-imsemmija, zewg kawzi l-ohra gew ukoll decizi minn din il-Qorti llum stess.

6. Fl-odjerna kawza l-appellat ressaq l-istess aggravji li ressaq fil-kawza msemmija Citazzjoni Nru. 725/92. Din il-Qorti qieset dawn l-aggravji *funditus* fid-dawl tal-provi kollha li ngabru fit-tlett kawzi u kif ukoll fid-dawl tas-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fid-diversi noti ta' osservazzjonijiet li ipprezentaw fl-atti. Din il-Qorti tat is-sentenza relattiva taghha fl-atti tal-kawza Citazzjoni Nru. 725/92 illum, liema sentenza ghandha titqies bhala s-sentenza principali bejn il-partijiet, billi fiha hemm imnizzla l-osservazzjonijiet u l-motivazzjonijiet kollha li din il-Qorti dehrilha kienu necessarji biex tibbaza l-konkluzjonijiet raggunti fir-rigward ta' l-istess appell. Dawn l-istess motivazzjonijiet u motivazzjonijiet ghandhom ukoll japplikaw *mutatis mutandis* ghall-odjerna kawza u ghall-odjern appell.

7. Ghal dawn il-motivi, kif ukoll ghall-motivi kontenuti fl-imsemmija sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni Nru. 725/92, deciza wkoll illum minn din il-Qorti:

Tilqa' l-appell biss in parti fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata biss fejn din ikkundannat lill-konvenut appellant sabiex ihallas lill-attrici appellata s-somma ta' LM15,000, minghajr imghax fi zmien ta' sitt xhur mid-data meta dik is-sentenza tghaddi in gudikat, u minflok, tikkundanna lill-istess konvenut appellant biex ihallas lill-attrici appellata s-somma ta' LM7,500 minghajr imghax fi zmien sitt xhur mil-lum, u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-kumplament. In kwantu ghal kap ta' l-ispejjez, tordna li l-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jithallsu kwantu ghall-sebghin fil-mija (70%)

mill-attrici appellata u kwantu ghar-rimanenti tletin fil-mija (30%) mill-konvenut appellant.

Fl-ahhar nett ghandu jigi rilevat, biex jigi evitat kwalunkwe malintiz, li nonostante li fit-tliett sentenzi pronunzjati llum minn din il-Qorti fit-tlett kawzi fuq imsemmija bejn il-konjugi Bellia, hemm, f'kull wahda minnhom, il-kundanna ta' John Bellia biex ihallas is-somma ta' LM7,500 lil Anna Bellia, dan ma jfissirx li John Bellia ghandu jhallas din is-somma ghal tlett darbiet. Evidentement, dan m'huwiex il-hsieb ta' din il-Qorti li, a skans ta' ekwivoci, qeghdha taghmilha cara li din is-somma ghandha tithallas minn John Bellia ghal darba wahda biss lil Anna Bellia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------